MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 102/1994/3

**Raymond Mallia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Blye Engineering Co. Ltd.**

**Vs**

**Martin Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` E. & M. Meat Products Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* ghandu jiehu minghand il-konvenut *nomine* s-somma ta' elf u wiehed u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1081.70,0) bhala bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta’ *refrigerated box*, *refrigeration system* u magna tad-diesel u xoghlijiet u

oggetti ohra mibjugba u kkonsenjati, kollox skond il-fatturi numri 000736, 000812 u 000863, rispettivament tad-29 ta' Lulju 1991, 16 ta' Dicembru 1991 u 22 t'April 1992, u l-i*statement of account* tat-30 ta' Gunju 1992 (hawn esibiti bhala Dok. A sa D);

Premess illi l-konvenut *nomine*, ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l1Onorabbli Qorti sabiex:-

I. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-attur *nomine* s-somma fuq riferita ta' elf u wiehed u tmenin lira Maltin u sebgbin centezmu (Lm1081.70,0) bhala bilanc minn somma akbar dovuta kif fuq spjegat u skond il-fatturi u *statement of account* esibiti (Dok.A sa D);

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 1992 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2555/92, kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi r-*refrigerated unit* lilu kkonsenjat ma giex mahdum skond l-arti u s-sengha u ma huwiex idoenu ghall-iskopijiet li ghalih gie akkwistat u sussegwentement supplit;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha ppremetta:-

Illi l-konvenut rikonvenjenti ordna *refrigerated unit* minghand l-attur rikonvenut sabiex dina titqieghed fuq van tieghu u sabiex tintuza fix-xoghol ta’ importatur u bejjiegh tal-laham, ezegwit mill-konvenut rikonvenjenti;

Illi r-*refrigerated unit* lilu ikkonsenjat ma giex mahdum skond l-arti u sengha u ma huwiex idoneu assolutament ghall-iskopijiet li ghalih gie akkwistat u sussegwentement supplit;

Illi l-konvenut rikonvenjent hallas lill-attur rikonvenut is-somma ta’ Lm2,500 akkont tal-prezz ta' l-imsemmi *refrigerated unit* u anke sofra danni mill-uzu ta' l-imsemmi *refrigerated unit*;

Talab ghalhekk il-konvenut rikonvenjent lil dina l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi r-*refrigerated unit* mill-attur supplit ma giex ezegwit u mqieghed fuq it-*truck* ta' l-attur rikonvenjenti skond l-arti u s-sengha u ma huwiex idoneu ghall-iskopijiet manifesti li ghalih gie akkwistat;

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-bejgh fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-Ligi;

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut illi prevja ir-ritorn lilu ta' l-imsemmi *refrigerated unit*, ihallas lill-konvenut rikonvenjenti is-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500) lilu mhallsa precedentement;

4. Tiddikjara lill-attur rikonvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut rikonvenjenti kawzati konsegwentement ghall-uzu ta' l-imsemmi *refrigerated unit*;

5. Tillikwida dawn id-danni konsegwenzjali occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-attur rikonvenut li jhallas lill-konvenut rikonvenjenti kwalsiasi ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-attur rikonvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut rikonvenjenti u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur *nomine* ghar-rikonvenzjoni tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-kontro-talbiet kontenuti fir-rikonvenzjoni tal-konvenut *nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attur rikonvenzjonat esegwixxa l-appalt moghti lilu mis-socjeta` konvenuta skond l-arti u s-sengha a sodisfazzjon tal-konvenut *nomine* u ma kkawza ebda danni lis-socjeta` konvenuta;

2. Illi jekk illum hemm xi hsarat fix-xoghol mahdum mis-socjeta` attrici dawn gew ikkawzati unikament minn uzu u manutenzjoni hazina da parti tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, jekk l-allegati difetti kienu latenti allura l-azzjoni relattiva tas-socjeta` konvenuta hija llum preskritta a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat Inginier Carmel sive Charles Cuschieri bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelatax dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 44 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 1997;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni moghtija mill-imsemmi perit tekniku fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2000;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni *de quo* titratta minn talba ghal hlas ta' somma bilancjali ghall-ezekuzzjoni ta' appalt kommissjonat lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta u konsistenti fil-manifattura u immuntar ta' *refrigerated box*, kompluta bis-sistema ta' l-iffrizar, fuq *pickup truck* provvdut mill-istess socjeta` konvenuta;

Ghal din l-azzjoni s-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha fl-ewwel lok bl-eccezzjoni li x-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha u l-oggett mahdum u supplit ma kienx idoneu ghall-iskop li ghalih gie akkwistat. Fit-tieni lok permezz ta' talba rikonvenzjonali ppretendiet li l-bejgh ghandu, ghall-istess motiv espress, jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Issa, qabel xejn jinsab akkolt fil-gurisprudenza taghna illi f'xi kazijiet meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi wkoll materjal u attrezzaturi, dan l-appalt jista' jigi ekwiparat b'affinita` mal-bejgh. (**Vol. XL P II p 883**). Hu allura f'dan is-sens li trid tinqara l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta;

F'kull kaz pero` dan ma jeliminax il-fatt illi min jintraprendi bicca xoghol hu obbligat u jitqies dejjem responsabbli li jaghti opra sodisfacenti (**Vol. XLII P II p 1003**). Din ir-responsabilita` tikkolpixxi mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol ezegwit b'materjal hazin. Tant dan hu hekk li dejjem skond gurisprudenza affermata l-appaltatur hu tenut jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (**Vol. XXXV P III p 528**) kif ukoll il-bonta` tal-materjal adoperat (**Vol. XXXIX P I p 442**);

Kien logiku li f'kazijiet bhal dak prezenti l-Qorti tahtar espert tekniku biex jivverifika u jiddetermina jekk l-allegati difetti, lamentati mis-socjeta` konvenuta, kellhomx rapport max-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici u jekk il-materjal jew attrezzi uzati kienux idonei ghall-opra manifatturata u konsenjata. Il-qofol tal-vertenza ghalhekk jikkoncerna principalment ir-rizultanzi peritali;

Minn dak kaptat mir-rapport tal-perit tekniku jirrizulta accertat is-segwenti:-

I. Ix-xoghol gie konsenjat ghal bidu ta' l-1991;

II. Li fuq senjalazzjonijiet tal-konvenut *nomine* saru xoghlijiet ripatrici u modifikatrici mis-socjeta` attrici. Dan kif evidenzjat mill-fatturi Dok. B u Dok. C a fol. 5 u 6 tal-process;

III. Anke wara li saru dawn ix-xoghlijiet, is-socjeta` konvenuta issoktat tressaq lanjanzi ohra permezz ta' rapport datat 20 ta' Mejju 1992 imhejji minn espert *ex parte* (fol. 55). Dan l-espert ma giex prodott bhala xhud u fil-fatt il-konvenut *nomine* rrinunzja ghal produzzjoni tieghu (fol. 74);

IV. Fl-access tenut fit-22 ta' Marzu 1996, il-perit gudizzjarju nnota numru ta' hsarat. Cionostante skond il-fehma espressa minnu r-*refrigerated box* kienet ghadha fi stat tajjeb hafna biex tintuza;

V. Kwantu ghall-hsarat, ossija difetti, l-istess perit relatur oltre li jirrimarka li huma minuri, jattribwihom ghal xi daqqa li kienet qalghet il-kaxxa, ghall-uzu li sar minnha, principalment taghbija zejda;

VI. Irrizulta wkoll illi fuq il-kaxxa saru xi addizzjonijiet mill-konvenut *nomine* u saru wkoll tiswijiet fuqha. L-espert tekniku jissottometti f'dan il-kuntest illi l-konvenut *nomine* pprefera li jsewwi u jimmodifika huwa flok jiehu l-kaxxa ghand l-attur ghal dan l-iskop. Izid jaggungi illi dawn l-addizzjonijiet jew alterazzjonijiet ma sarux tajjeb ghax huma allaccjati biss mal-*insulation* tal-kaxxa u mhux mal-*frame* taghha;

VII. Fuq kollox l-istess espert opina wkoll illi bid-difetti b'kollox l-kaxxa ssoktat tigi utilizzata mis-socjeta` konvenuta;

Quddiem dawn il-kostatazzjonijiet peritali jidher li l-konvenut *nomine* ittraskura xi ftit l-andament tal-kawza, tant li stenbah biss sentejn fuq li l-kawza kienet ilha mhollija ghas-sentenza. Dan limitatament biex jipproduci lill-perit tekniku in eskussjoni;

Issa huwa minnu u guridikament korrett li jigi osservat li l-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti jikkostitwixxi prova ta' fatt u allura, bhal materjali istruttorji ohrajn, kontrollabbli mill-gudikant. Tant dan hu hekk illi l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni taghha nfisha;

Eppure, kif insenjat f'gurisprudenza assodata, il-Qorti pero` "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz." ("**Philip Grima –vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998). Anzi, "kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova" ("**Joseph Saliba –vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000), meta din tkun tesprimi l-"*giudizio dell'arte*" tal-perit tekniku

(“**Giswarda Bugeja** ***et*** **–vs- Emmanuele Muscat** ***et***”, Appell, 23 ta’ Gunju 1967);

Dan hu hekk il-kaz aktar u aktar meta ma jingiebu l-ebda ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika, u, anzi, dik l-istess opinjoni tibqa’ wahda konvincenti, anke taht it-tirocinju ta’ eskussjoni elaborata u serrata, kif jidher li kien il-kaz taht ezami;

Kif drabi ohra rimarkat, “f’cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b’mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu.” (“**Benjamin Camilleri** ***nomine*** **–vs- Charles Debattista** ***et nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001);

Finalment tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi d-difetti riskontrati mill-perit relatur – anke kieku, u dan qed jinghad biss *gratia argomenti*, kienu addebitati ghal lavorazzjoni tas-socjeta` attrici, li fil-kaz prezenti ma jidherx li hu hekk il-kaz – huma kwalifikati bhala minuri;

F’sitwazzjoni konsimili gie affermat illi “d-difetti fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt ma jirrendux l-appaltatur inadempjenti imma jaghtu biss dritt lill-appaltant li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati, meta d-difetti ma jkunux essenzjali. Ghalhekk meta d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt.” (**Vol. XXX P III p 440**). Maggorment, imbaghad, dan it-taghlim jircievi applikazzjoni fejn l-appaltant, u dan ighodd ukoll ghax-xerrej, nonostante li jkun jaf b’dawk id-difetti jissokta jaghmel uzu ghal bosta snin mill-istess oggett li dwaru jippretendi li jezistu mankamenti;

Dan espost, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit tekniku illi mis-somma pretiza ghandhom jitnaqqsu l-ammonti precizati fil-fatturi a fol. 5 u 6 tal-process. Dan anke ghaliex is-servizzi u xoghlijiet rimedjali jidher li saru fil-perjodu tal-garanzija.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi previa r-rigett ta' l-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut *nomine*, tilqa' d-domanda attrici billi tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma bilancjali ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1025), prezz ta' *refrigerated box* bl-accessorji taghha. Dan oltre l-interessi dekorribbli mit-8 ta' Lulju 1992, data ta' l-ittra ufficcjali.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-istess konvenut *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------